

# L-Istrumenti Mużikali fil-Banda

*kitba ta'* **Simon Ellul** A.(Mus.)L.C.M.

Kull meta nattendu xi festa f'xi belt jew raħal tagħna, dejjem nistennew li naraw u nisimgħu lill-baned idoqqu. Ma nistgħux nimmaġinaw festa bla baned, iżda, tajjeb ukoll li wieħed jaħseb ftit li dak il-ħoss tan-noti tal-istrumenti qed jasal f'widnejna wara proċess li ħafna drabi kien ukoll twil u kkomplikat biex ġew żviluppati strumenti mużikali li jpaxxu l-widna.

F'dan l-artiklu se nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-iżvilupp u l-użu tal-istrumenti li l-aktar insibu fil-banda. Naturalment, ma nistgħux nillimitaw ruħna għall-banda li ddoqq il-marċi biss, iżda wkoll għall-istili oħra ta' mużika.

## Flawt

Il-flawt ilu jeżistu għal eluf ta' snin, u beda l-iżvilupp proprju tiegħu lejn is-seklu 7 fil-Greċja. Minn hemm 'il quddiem ra żvilupp kontinwu. Il-flawt hu strument regolari fil-banda, l-iktar li narawh ikun f'xi programm mużikali. Peress li għandu forma dritta qisu pajp meta l-mużiċist jonfoħ fih u jiftaħ jew jagħlaq iċ-ċwievet, jipproduċu n-noti mill-vibrazzjoni tal-ajra. Jindaqq kważi f'kull ġeneru ta' mużika, minn dik għall-banda, orkestra, mużika pop u anki għall-films.



## Oboe

L-ewwel oboe barokk li deher kien fis-seklu 17 ġewwa Franza, u kien jissejjaħ *hautbois*. Id-data u l-post ta' oriġini ta' dan l-istrument m'humiex magħrufa, iżda jista' jkun li kienu diversi nies li kkontribwew għall-



invenzjoni ta' dan l-istrument. L-oboe hu strument li nsejħulu *double reed*, jaqa' taħt il-*woodwind* u għandu ħoss penetranti ħafna. Jintuża fl-orkestri, baned, mużika pop, u anki fil-*films* fost oħrajn. Film famuż li fih jinstama' l-oboe hu *Gabriel's Oboe* fil-film *The Mission*.

## Klarinett

Il-klarnett jaf il-bidu tiegħu lejn iż-żminijiet tan-nofs. Il-klarinett modern żviluppa minn strument barokk bl-isem ta' *chalumeau,* dan kien jixbah lir-*recorder* iżda b'bokkin ta' qasba waħda (*single reed*). Lejn is-seklu 18 saru xi żviluppi li wasslu għall-klarinett li nafu llum. Il-klarinett huwa wkoll mal-familja tal-*woodwind* u hu *single reed.* Huwa strument li nsibuh regolari fil-baned, iżda jintuża wkoll fl-orkestri, jazz, pop u oħrajn. Fost il-kompożituri li kitbu xogħol għall-klarinett insibu l-klarinett concertos ta' W. A. Mozart. Il-grupp popolari *The Beatles* użaw il-klarinett fil-kanzunetta *When I'm sixty Four* mill-album sgt. Pepper's Lonely Hearts Club Band.



## Kwartin

Il-kwartin għandu l-forma tal-klarinett imma iżgħar. Insibuh fil-baned, l-iżjed dawk militari għalkemm narawh fil-kunċerti u programmi tal-baned ċivili. Hu membru regolari tal-baned militari sa mis-seklu 18. Jindaqq ukoll fl-orkestri u jinstema' f'*Symphonie Fantastique* ta' Hector Berlioz u Sinfoniji 4, 5, u 6 ta' Sergei Prokofiev u fil-*Bolero* ta' Maurice Ravel fost oħrajn.

## Saxaphone

Is-Saxaphone jew kif hu aħjar magħruf bħala Sax huwa pjuttost l-iktar strument modern fost l-istrumenti tal-banda. Gie ivvintat mill-Belġjan Adolphe Sax fis-sena 1840, bl-iskop li jkun jista' jagħmel strument li l-ħoss tiegħu jkun joqgħod bejn il-*woodwinds* u l-*brass*. Mill-ewwel

ġibed l-attenzjoni ta' diversi kompożituri tant li Giacomo Rossini meta sema' l-ħoss tas-*saxophone* l-ewwel darba fl-1848 kien qal "dan hu l-isbaħ ħoss li qatt smajt". Is-Saxaphone jista' jitqies bħala wieħed mill-aktar versatili, jidher sew f'orkestri, solos, blues, rock, pop, big bands, mużika tal-films, Jazz, baned militari u oħrajn. L-iktar li naraw fil-baned tagħna huma erbgħa, is-Sopran, l-Alto, it-Tenur u l-Baritonu, iżda hija ħasra li hawn min qed iwarrbu mill-baned tagħna għal raġunijiet bla sens. Huwa strument li narawh jindaqq sew ma' strumenti oħra u anke solo. Tema partikolari li hija famuża ħafna u tindaqq mis-Saxaphone hija *The Pink Panther* ta' Henry Mancini.

## Horn



Dan l-istrument jaf il-bidu tiegħu żmien ilu u kien jintuża għall-kaċċa, iżda wara diversi żviluppi wasal għall-istrumenti li nafu llum. Il-ħorn hu wieħed mill-istrumenti mill-familja tar-ramm. Hu magħmul minn ċrieki li jekk isiru dritti jiġu twal xi 12-il pied. Jindaqq permezz ta' bokkin tar-ramm, u nsibuh regolarment fil-baned tagħna, (ħasra iżda li hawn min qed iwarrbu meta l-banda tkun fit-triq). Kapaċi jagħmel noti sbieħ meta jindaqq tajjeb, u mhux l-ewwel darba li jindaqq bħala solo. Jintuża ħafna fl-orkestra u anki meta l-baned ikunu f'xi kunċert jew programm, u hawn li nistgħu napprezzaw ħafna lil dan l-istrument.

Kompożizzjonijiet bħall-*Isle of the Dead* – Rachmaninov, *Sinfonia da Requiem* – Britten, *The Planets* – Holst u *Don Quixote* – Richard Strauss kollha jagħmlu użu wiesgħa minn dan l-istrument.

## Trumpet

It-trumpet hija forsi l-iktar strument fost il-familja tar-ramm li hi magħrufa. Magħmula mir-ramm, u tagħmel parti minn din is-sezzjoni. Hija magħmula minn kannaġ imdawwar darbtejn u bokkin mhux kbir ħafna, il-ħoss joħroġ billi min idoqq meta jonfoħ fil-bokkin il-vibrazzjoni tax-xoffa toħloq vibrazzjoni fil-kannaġ tal-istrument li mbagħad jirriżulta f'noti. L-iktar tip komuni hija l-Bb trumpet. Dan l-istrument jintuża

f'diversi ġeneri ta' mużika, bħal klassiku, jazz, rock, blues, pop u oħrajn. Wieħed mill-ikbar virtuosi magħrufa fuq it-trumpet huwa Louis Armstrong. Fost it-trumpeters tal-jazz li għamlu isem hemm Clifford Brown, Jon Feddis, Harry James u Claudio Roditi fost oħrajn.

## Trumbun

It-trumbun huwa strument ieħor li jagħmel parti mill-familja tar-ramm (brass). Il-prinċipju ta' kif jindaqq huwa bħal dak tat-trumbetta, iżda dan l-istrument flok valvi għandu *slide*, (jeżistu wħud li huma bil-valvi) dan is-*slide* iservi biex meta t-tul tiegħu jinbidel, jibdel ukoll il-ħoss tan-noti. Issibu sew fl-orkestri u anki fil-baned. Kompożituri kbar għamlu użu minn dan l-istrument bħal Franz Shubert, Johannes Brahms, Felix Mendelssohn, Richard Wagner, Giacchino Rossini, Giuseppe Verdi u oħrajn. Illum it-trumbun jarawh jieħu sehem f'divesi sistemi bħall-*concert bands,* baned militari, baned ċivili, *brass bands*, *big bands* u oħrajn.

## Althorn

Dan l-istrument ġie vvintat minn Adolph Sax fl-1800 u sar biex ikun jista' jservi bħala alto fil-familja tas-saxhorn. Sar f'diversi forom iżda l-iktar forma komuni hi qisu baxx żgħir, bit-tromba 'l fuq biex il-ħoss ikun aħjar qabel jilħaq lin-nies. Jindaqq speċjalment fil-baned militari u baned ċivili. Hawn Malta huwa strumenti li jintuża sew fil-baned tagħna u saħansitra jingħata wkoll partijiet solo f'xi kunċerti.

## Euphonium

L-Euphonium huwa strument ieħor tal-familja tar-ramm. Ġie vvintat minn Ferdinand Sommet ta' Weimar fl-1843, għalkemm sew Carl Mortiz fl-1838 u anki Adolphe Sax fl-1843 jissemmew li kienu huma li vvintawh. Ir-reġistru ta' dan l-istrument hu wieħed pjuttost kbir, il-kannaġ tiegħu bħal fil-każ tal-*cornet, flugleho rn*, *horn* u l-baxx, jitwessa' iktar ma' joqrob lejn it-tromba li jirriżulta f'ħoss sabiħ. L-Euphonium ġie mlaqqam bħala r-re tal-istrumenti tal-baned jew iċ-ċello tal-banda. Bħala strument mhuwiex tal-orkestra iżda kien hemm xi okkażjonijiet meta dan ħa sehem jew għax inkitbu apposta għalih jew għax ġie applikat f'xi xogħol partikulari, iżda l-iktar li narawh jindaqq hu fil-baned u xi gruppi bħall-*brass bands*.

## Baxx

Il-baxx huwa l-akbar strument fost l-istrumenti tar-ramm. Juża bokkin tar-ramm li meta l-mużiċist jonfoħ fih il-vibrazzjoni tax-xoffa toħloq moviment li jirrifletti fl-istrument u hekk joħorġu n-noti. Ġie vvintat minn Wilhelm Friedrich Wieprecht u Carl Mortiz lejn is-sena 1835. Il-baxx jintuża kemm fl-orkestra li normalment ikun hemm minn wieħed sa tnejn, kif ukoll fil-baned u hawn ikun hemm iżjed fin-numru mill-orkestra. Fil-jazz ir-rwol baqa' tista' tgħid l-istess, dak li jagħti sapport iżda ġieli wkoll kien hemm każi li jindaqq f'xi xogħol solo. Ħafna mill-jazz bands fil-fatt jużaw *sousaphone*. Fil-baned apparti li għandu r-rwol ta' *bass* għall-sezzjonijiet differenti, jipprovdi wkoll ħoss sistematiku li jagħmilha faċli għal min ikun qed jimmarċja.

## Perkussjoni

L-istrumenti tal-perkussjoni huma x'aktarx l-eqdem strumenti mużikali. Imorru lura eluf ta' snin, iżda bl-iżvilupp li sarilhom jistgħu jinqasmu tista' tgħid f'żewġ kategoriji, dawk *pitched* u dawk li m'humiex *pitched*. Strumenti *pitched* li jidhru fil-baned jinkludu *chimes*, *tubular bells* (qniepen), timpani u *tuned triangle*, fost oħrajn.

Dawk li mhux *pitched* jinkludu *bass drum* (katuba), *cymbals* (pjatti), *snare drum* (tamborlin), *tamtam* u *tom-tom* fost oħrajn. It-timpani, qniepen kif ukoll id-*drum kit* (batterija), jindaqqu waqt xi kunċert li jittella' fuq xi planċier jew f'xi sala. L-istess jista' jingħad għall-istrumenti oħrajn li l-użu tagħhom jagħmel iktar sens meta l-banda tkun f'xi kunċert.

Minn din l-informazzjoni wieħed jista' japprezza aħjar l-istrumenti li naraw u nisimgħu. Għalhekk huwa importanti ħafna li nuru rispett mhux biss lejn l-istrumenti iżda wkoll lejn l-istorja ta' warajh, u anki lejn il-mużiċisti li jdoqquhom. Għandna niftakru li biex saru dawn l-istrumenti u biex mużiċist wasal li jdoqqu sew, involvew snin ta' studju. Nappella minn hawn biex kull min hu interessat fl-arti mużikali, ma jiddejjaqx jersaq lejn is-Soċjetà tagħna, u jkun qed jitgħallem waħda mill-isbaħ arti li teżisti – il-Mużika.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

Referenzi
*A History of Western Music* – Grout/Palisca
*The Study of Orchestration* – Samuel Adler
*Orchestration* – Piston
*The Ultimate Encyclopedia of Classical Music* – Robert Ansley